

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/589

tas-6 ta' April 2022

### li tistabbilixxi l-kompożizzjoni u d-dispożizzjonijiet operazzjonali għall-istabbiliment tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar Enerġetiku u l-Konsumaturi Vulnerabbli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 168 u 194 tiegħu,

Billi:

- (1) Tranżizzjoni ekwa u ġusta lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 hija ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-miri tal-enerġija u tal-klima tal-UE għall-2030. Il-pakketti leġiżlattivi biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ippreżentati f'Lulju u f'Diċembru 2021, jiffukaw ħafna fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku u l-protezzjoni tal-persuni vulnerabbli. Barra minn hekk, il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni<sup>(1)</sup>, inizjattiva ewlenija mfassla biex tagħti spinta lir-rinnovazzjoni strutturali tal-bini privat u pubbliku, tagħmel ukoll enfasi qawwija fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nediet Inizjattiva dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli għar-rinnovazzjoni ta' 100 distrett fanal tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u fl-2020 ġiet adottata Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar Enerġetiku<sup>(2)</sup> biex tgħin biex jinqered il-faqar enerġetiku "billi timmira l-kawżi ewlenin tiegħu" u tippromwovi strateġiji ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jsaħħu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE.
- (2) Il-faqar enerġetiku huwa wkoll kunċett konsolidat fil-pakkett leġiżlattiv "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha", billi jqiegħed lill-konsumaturi fil-qalba ta' tranżizzjoni ġusta tal-enerġija u jipprovdi diversi miżuri mmirati biex jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet speċifiċi permezz tal-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija.
- (3) L-aċċess għas-servizzi tal-enerġija huwa essenzjali għall-inklużjoni soċjali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, jinkludi l-enerġija fost is-servizzi essenzjali<sup>(3)</sup>, li kulħadd għandu d-dritt li jaċċessa. Għandu jkun hemm appoġġ disponibbli għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn<sup>(4)</sup>. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>(5)</sup> jistabbilixxi azzjonijiet konkreti biex l-20 prinċipju tal-Pilastru jinbidlu f'realtà, inklużi inizjattivi konkreti għall-2022 li se jikkontribwixxu wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.
- (4) Billi pprovdi ir-Rakkomandazzjoni tagħha dwar il-Faqar Enerġetiku u dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkompanja, il-Kummissjoni ssodisfat ukoll l-obbligu tagħha li ttiprovdi gwida indikattiva dwar indikaturi xierqa għall-kejl tal-faqar enerġetiku u dwar id-definizzjoni ta' "għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku" kif meħtieġ skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(6)</sup> ("ir-Regolament dwar il-Governanza") u d-Direttiva dwar l-Elettriku riformulata. Hija tenfasizza wkoll l-importanza tal-politiki assoċjati mal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima ("NECPs") u mal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul biex jiġu indirizzati dawn il-problemi. Il-Grupp se jibni fuq il-ħidma tal-Forum taċ-Ċittadini dwar l-Enerġija u tal-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE.

<sup>(1)</sup> COM/2020/662 final.

<sup>(2)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku

<sup>(3)</sup> Il-ħtieġa li l-Istati Membri jindirizzaw il-faqar enerġetiku hija enfassizzata wkoll fil-Linja Gwida 8 "Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar" tal-Linji Gwida integrati dwar l-Impjiegi, li jinfurmaw il-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

<sup>(4)</sup> EPSR, Prinċipju 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali": Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali | f'20 prinċipju | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

<sup>(5)</sup> COM(2021) 102 final.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- (5) Id-definizzjonijiet standard tal-faqar enerġetiku u tal-konsumaturi vulnerabli għadhom qed jiġu żviluppati. Għalhekk, l-Istati Membri jistabbilixxu l-kriterji tagħhom stess skont il-kuntest nazzjonali u lokali. L-isforzi mwettqa mill-Istati Membri biex inaqqsu l-faqar b'mod ġenerali huma rikonoxxuti bħala ugwalment siewja. Il-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku <sup>(7)</sup> għandha titqies meta jiġu implimentati u aġġornati l-NECPs f'konformità mar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika.
- (6) L-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(8)</sup> u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(9)</sup> jirrikjedu li l-Istati Membri jiddefinixxu l-kunċett ta' klijenti vulnerabli, li jista' jirreferi għall-faqar enerġetiku u, fost l-oħrajn, għall-projbizzjoni tal-iskonnessjoni tal-elettriku għal tali klijenti fi żminijiet kritiċi. Il-kunċett ta' klijenti vulnerabli jista' jinkludi livelli ta' introjtu, is-sehem ta' nfiq ta' enerġija tal-introjtu disponibbli, l-effiċjenza enerġetika tad-djar, id-dipendenza kritika fuq tagħmir elettriku għal raġunijiet ta' saħħa, età jew kriterji oħra. L-Istati Membri huma meħtieġa jieħdu l-miżuri xierqa biex jipproteġu lill-konsumaturi, u b'mod partikolari, biex jiżguraw li jkun hemm salvagwardji adegwati biex jipproteġu lill-konsumaturi vulnerabli.
- (7) L-Artikolu 29 tad-Direttiva dwar l-Elettriku riformulata (UE) 2019/944 jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jivvalutaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku u jiddikjara li jridu jistabbilixxu u jipubblikaw il-kriterji li fuqhom hija msejsa din il-valutazzjoni. Meta jkun hemm għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi bħal dawn, l-Istati Membri jridu jinkludu fl-NECPs tagħhom objettiv indikattiv għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku, jipprovdu limitu ta' żmien, u jiddeskrivu l-politiki u l-kejl rilevanti. Huma mbagħad mitluba jirrapportaw lill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, dwar kwalunkwe progress li jagħmlu biex jilhq u l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku. Bl-istess mod, l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/73/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku.
- (8) L-inizjattivi kollha skont il-Pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" biex jiġu implimentati l-objettivi tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030, tfasslu b'mod konsistenti biex jiżviluppaw is-sinerġiji, biex itaffu l-effetti distributtivi potenzjalment negattivi, inkluż bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fuq dawk l-aktar vulnerabli u dawk foqra fl-enerġija (proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, proposta għal Fond Soċjali għall-Klima, proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, il-pakkett dwar-Idroġenu u d-Dearbonizzazzjoni tal-Gass, proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika). Sabiex tippovdi l-akbar appoġġ lill-Istati Membri, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni <sup>(10)</sup> b'linji gwida u b'eżempji għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fit-tehdid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu.
- (9) L-iskambju tal-aħjar Prattiki u ż-żieda fil-koordinazzjoni tal-miżuri ta' politika bejn l-Istati Membri biex jappoġġaw unitajiet domestiċi vulnerabli u finanzjarjament dgħajfa jew dawk affettwati mill-faqar enerġetiku, partijiet ikkonċernati involuti oħrajn u l-Kummissjoni huma kruċjali biex jissaħħu l-isforzi u l-impenni biex jitwettaq Patt Ekoloġiku Ewropew ekwu u ġust. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-faqar enerġetiku u l-konsumaturi vulnerabli.
- (10) Il-missjoni ġenerali tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Faqar Enerġetiku u l-Konsumaturi Vulnerabli jenħtieġ li tkun li jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-għarfien espert politiku meħtieġ għal inizjattivi mmirati lejn l-identifikazzjoni, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-konsumaturi l-aktar vulnerabli, filwaqt li jippreserva u jsaħħaħ il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija. Huwa jenħtieġ li jaħdem mal-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill, bħall-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fir-rigward, b'mod partikolari, tal-impatt tal-politiki fuq unitajiet domestiċi vulnerabli u b'introjtu baxx u r-rwol tal-politiki soċjali fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku.
- (11) Il-Grupp jenħtieġ li jkun magħmul mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mill-membri tal-Grupp,

<sup>(7)</sup> SWD(2020) 960 final.

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

<sup>(10)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

#### Suġġett

Jiġi stabbilit il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Faqar Enerġetiku u l-Konsumaturi Vulnerabbli ("il-Grupp").

### Artikolu 2

#### Kompiti tal-Grupp

1. Il-kompiti tal-grupp għandhom ikunu:
  - (a) li jservi bħala l-pjattaforma ewlenija għall-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mat-tfassil u mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-programmi u l-politiki tal-Unjoni li jindirizzaw unitajiet domestiċi finanzjarjament dgħajfa jew dawk affettwati mill-faqar enerġetiku u l-konsumaturi vulnerabbli, inkluż fil-kuntest tal-affordabbiltà tal-enerġija, ir-rinnovazzjoni mmirata u l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u l-iskemi ta' finanzjament fil-livell nazzjonali;
  - (b) li jipprovdi forum għall-iskambju ta' esperjenzi, tal-aħjar prattiki u tal-ġarfien espert fl-indirizzar tal-konsumaturi vulnerabbli u l-unitajiet domestiċi finanzjarjament dgħajfa jew dawk affettwati mill-faqar enerġetiku, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali
  - (c) li jassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fit-tfassil ta' inizjattivi ta' politika, b'mod partikolari fir-rigward tal-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom dwar l-Enerġija u l-Klima, ir-Rapporti ta' Progress Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima u l-istrateġiji relatati.
2. Il-Grupp għandu, b'mod partikolari:
  - (a) jiskambja informazzjoni dwar deċiżjonijiet rigward miżuri li jappoġġaw u li jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi vulnerabbli u lill-unitajiet domestiċi finanzjarjament dgħajfa jew lil dawk affettwati mill-faqar enerġetiku u jindirizza l-affordabbiltà tal-enerġija fil-kuntest nazzjonali tagħhom u fil-qafas usa' tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa, fi kwalunkwe livell tal-gvern (nazzjonali, reġjonali u lokali);
  - (b) jiddiskuti kwistjonijiet speċifiċi dwar konsumaturi vulnerabbli u unitajiet domestiċi finanzjarjament dgħajfa jew dawk affettwati mill-faqar enerġetiku bil-ħsieb li jiġu identifikati azzjonijiet xierqa u soluzzjonijiet koordinati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;
  - (c) jirrevedi l-prospetti u r-rapporti regolari mħejjija miċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku u mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-indirizzar, il-kejl u l-monitoraġġ tal-progress dwar il-kawżi u s-soluzzjonijiet ewlenin, inkluż analiżi soċjoekonomika rilevanti;
  - (d) itejjeb il-kwalità u l-firxa ta' *data* u indikaturi statistiċi disponibbli, inkluż il-ġbir armonizzat tad-*data* tal-Unjoni, filwaqt li jqis kif xieraq l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li l-approċċi għall-appoġġ u għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi foqra u vulnerabbli fl-enerġija jkunu bbażati fuq fehim infurmat u aġġornat tal-kwistjonijiet ewlenin involuti u d-dimensjonijiet rilevanti, kif ukoll il-varjazzjonijiet spazjali u temporali tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (u s-Sottogrupp tal-Indikaturi tiegħu) u ESTAT.
  - (e) jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni, il-prevenzjoni u l-azzjoni koordinata f'każ ta' emerġenza fl-Unjoni.

### Artikolu 3

#### Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Grupp dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-faqar enerġetiku u mal-konsumaturi vulnerabbli.

### Artikolu 4

#### Sħubija

1. Il-Grupp għandu jkun magħmul minn awtoritajiet mill-Istati Membri kollha.

2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ministeri kompetenti għall-enerġija, għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom u għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li r-rappreżentanti tagħhom jipprovdu livell għoli ta' għarfien espert fir-rigward tax-xogħol li għandu jitwettaq u skont l-arranġamenti interni tal-Istat Membru.
3. Kull wiehied mill-Istati Membri għandu jinnomina mhux aktar minn żewġ rappreżentanti permanenti u żewġ rappreżentanti supplenti biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-Grupp fil-livell ix-xieraq tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
4. Ir-rappreżentanti supplenti għandhom jinħatru f'konformità mal-istess kundizzjonijiet bħall-membri stabbiliti fil-punt 2 hawn fuq; ir-rappreżentanti supplenti awtomatikament jissostitwixxu membri li jkunu assenti jew indisposti.
5. Il-Kummissjoni tista' tirrifjuta n-nomina ta' rappreżentant jekk tqis li n-nomina ma hijiex xierqa fid-dawl tar-rekwiżiti speċifikati fil-punt 2 hawn fuq. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jintalbu jaħtu rappreżentant ieħor. Kull membru tal-Grupp għandu jiżgura li l-istatus tas-sħubija tiegħu jkun aġġornat.
6. Id-*data* personali tal-membri għandha tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 <sup>(11)</sup> jew (UE) 2018/1725 <sup>(12)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif applikabbli.
7. Il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga sa tmiem il-mandat tagħhom jew sakemm jiġu sostitwiti. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded.

#### Artikolu 5

#### Operat

1. Il-Grupp għandu jiġi presedut minn rappreżentant tad-DĠ ENER.
2. Il-President għandu jlaqqa' lill-Grupp fuq bażi regolari u għandu jaqsam mal-Grupp informazzjoni riċevuta mill-membri tiegħu filwaqt li jippreserva l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensitiva.
3. Il-laqgħat tal-Grupp għandhom isiru online jew fil-bini tal-Kummissjoni.
4. Id-DĠ ENER għandu jipprovdi s-servizzi segretarjali. L-uffiċjali tal-Kummissjoni mid-dipartimenti rilevanti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Grupp.
5. Id-DĠ ENER għandu jagħmel id-dokumenti ta' ħidma rilevanti kollha disponibbli għall-membri tal-Grupp permezz ta' post tax-xogħol kollaborattiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-dokumenti rilevanti kollha billi tinkludihom fir-Reġistru jew permezz ta' link mir-Reġistru għal sit web iddedikat. Id-DĠ ENER għandu jipubblika l-aġenda u dokumenti ta' sfond rilevanti oħra fi żmien xieraq qabel il-laqgħat. Jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni sistematika ta' dokument meta d-divulgazzjoni tiegħu timmina l-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.
6. Il-minuti għandhom jiġu abbozzati mis-segretarjat skont ir-responsabbiltà tal-President u għandhom jiġu pprovduti f'it wara l-laqgħa.
7. Sa fejn ikun possibbli, il-Grupp għandu jadotta l-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti tiegħu b'konsens. F'każ ta' votazzjoni, ir-riżultat tal-votazzjoni għandu jiġi deċiż b'maġġoranza sempliċi tal-membri. Il-membri li jkunu vvutaw kontra jew li jkunu astjenew għandhom id-dritt li jkollhom dokument li jiġbor fil-qosor ir-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħhom meħmuż mal-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti.

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

#### Artikolu 6

##### **Sottogruppi**

Id-DĠ ENER jista' jistabbilixxi sottogruppi bil-għan li jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi tat-termini ta' referenza definiti mill-Grupp. Is-sottogruppi għandhom joperaw f'konformità mar-regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni <sup>(13)</sup> u għandhom jirrapportaw lill-Grupp. Dawn jiġu xolti hekk kif jintemm il-mandat tagħhom.

#### Artikolu 7

##### **Esperti esterni**

Id-DĠ ENER jista' jistieden esperti minn barra l-Grupp b'għarfien espert speċifiku dwar suġġett fuq l-aġenda biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-Grupp jew tas-sottogruppi fuq bażi *ad hoc*.

#### Artikolu 8

##### **Osservaturi**

1. L-individwi, l-organizzazzjonijiet, l-entitajiet pubbliċi rreġistrati fir-reġistru tat-trasparenza, bħall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, tas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, jistgħu jingħataw status ta' osservatur, permezz ta' stedina diretta.

2. L-osservaturi u r-rappreżentanti tagħhom jistgħu jkunu awtorizzati mill-President biex jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tal-Grupp u jipprovdur għarfien espert. Madankollu, ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.

#### Artikolu 9

##### **Regoli ta' Proċedura**

Fuq proposta mill-Kummissjoni u bi ftehim magħha, il-Grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, f'konformità mar-regoli orizzontali <sup>(14)</sup>.

#### Artikolu 10

##### **Segretezza professjonali u t-trattament ta' informazzjoni klassifikata**

Il-membri tal-Grupp u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, huma soġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali, li bis-saħħa tat-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, japplika għall-membri kollha tal-istituzzjonijiet u għall-persunal tagħhom, u għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 <sup>(15)</sup> u 2015/444 <sup>(16)</sup>. F'każ li dawn l-obbligi ma jiġux irrispettati, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa kollha.

#### Artikolu 11

##### **Spejjeż tal-laqgħat**

1. Dawk li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Grupp u tas-sottogruppi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li jagħtu.
2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Grupp u tas-sottogruppi għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni.

<sup>(13)</sup> C(2016) 3301 final.

<sup>(14)</sup> Ara l-Artikolu 17 fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 3301.

<sup>(15)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

<sup>(16)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

Ir-rimborż għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet disponibbli allokatilid-dipartimenti tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Kadri SIMSON  
*Membru tal-Kummissjoni*

---